MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Numru. 382/2012

**-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**Vs**

**Johan Sultana ta’ 32 sena, iben Martin u Teresa nee’ Cassar, imwieled Pieta`, nhar l-4 ta’ Jannar 1982, residenti gewwa 91, Manoel Basement, Triq il-Parilja, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 47882M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar is-6 ta’ Marzu 2012, ghall-habta ta’ 20:30hrs gewwa Marsaskala, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-bieb ta’ barra tal-komun tal-flat bl-isem ta’ Svenmirk, Flt 3, Triq il-Munxar, Marsaskala, liema

hsara teccedi l-mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (1164.47) ghad-dannu ta' Maurice Cassar minn Marsaskala u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Marion Muscat bi kliem, gesti jew affarijiet ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b'diversi sentenzi moghtja fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat hallas lil parte leza Maurice Cassar d-danni minnu ikkagjonati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325, 339, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tobbliga lill-imputat li jzomm il-kwiet u l-paci ma Maurice Cassar u ma Marion Muscat u dan taht garanzija personali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena mil-lum. .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------